# Adorazzjoni tal-Komunita’

*il-Ħamis, 14 ta’ Novembru 2013*

## Għax nemmen, nitwemmen

(Innu tal-espożizzjoni)

Att ta’ preżenza F'dal-hin ta' talb, nahsbu biex nitilqu ghal mixja flimkien mal-Mulej, nidhlu fi djalogu mieghu. Bhalissa diga dalam u ghalhekk nehtiegu d-dawl biex nimxu. Dawl li se jghinna naghrfu fejn qeghdin u jaghtina direzzjoni, filwaqt li jwassalna ghad-destinazzjoni taghna u jghinna nimxu dil-mixja sal-ahhar.

Fit-tluq ta’ dil-mixja nahsbu fi kliem is-Salmista: “**Musbieh ghal riglejja hi l-kelma tieghek, u dawl fil-moghdija tieghi.**” (Salm 119, 105-112)

Napprezza il-Kelma tal-Mulej li miexi mieghi fil-mixja ta’ hajti, inhalliha ddawwalli l-moghdija tieghi biex inkompli miexi ‘l quddiem.

(Mument ta’ skiet)

Riflessjonijiet tal-Papa Franġisku fuq il-Fidi (David)

Il-Papa Frangisku liz-zghazagh fil-Brazil qalilhom biex iqieghdu l-fidi u l-hajja jkollha toghma; il-hajja jkollha boxxla li turi direzzjoni…..biex iqieghdu t-tama, u kull jum ikun imdawwal u x-xefaq ma jibqax aktar imdallam imma jkun imdawwal.

Mulej, jien se niskot u naghti prijorita lill-Kelma tieghek…..dawwalli triqti biex nara fejn se naghti l-pass li jmiss u minn fejn trid tghaddini. Idderigini int.

Il-Papa Frangisku waqt li kien qed ikellem lill-istudenti fuq il-fidi bhala mixja, qalilhom li l-mixi, l-ivvjaggar hu arti ghax jekk dejjem inkunu mghagglin, nghajjew u ma naslux ghall-iskop tal-vjagg taghna………

jekk nieqfu, ma nimxux ‘il quddiem u nitilfu wkoll l-iskop taghna. Ezattament, l-arti tal-ivvjaggar hi li thares lejn ix-xefaq, tahseb fejn trid tmur izda wkoll tissupera t-tahbit tal-vjagg, li xi drabi vera jkun difficli. ……

Ikun granet mudlama, anke granet meta nfallu, granet meta naqghu…..

Tibzghux li tfallu, tibzghux li taqghu. L-importanti fl-arti tal-ivvjaggar mhux li ma taqghax imma li tqum mill-waqghat tieghek. Qumu u komplu mexjin ‘il quddiem. Dan hu s-sabih: li tirsisti kuljum,

dan hu l-vjagg taghna l-bnedmin. Izda wkoll, mhux tajjeb li nimxu wahedna ghal rasna, mhux sewwa u tad-dwejjaq. Nimxu f'komunita`, mal-hbieb, ma' dawk li jhobbuna, li jghinuna. Dan jghinna biex naslu ezattament ghall-iskop taghna, fejn suppost naslu.

(Mument ta' skiet)

Innu

Talb spontanju ta' radd il-ħajr

Min jemmen ma jieħux l-affarijiet bi dritt imma bi gratitudni.
Min jemmen tassew jaraf li kollox ġej minn Alla u li mingħajru ma jista' jagħmel xejn.
Għal min jemmen, m'hemm xejn madwaru li hu ma jistax ma jirringrazzjax 'l Alla għalih u għalhekk jibża' għal kollox għax mhux tiegħu bi dritt.
Fuq kollox, għal minn jemmen tassew f'Ġesu, jiġifieri għal min hu dispost li jħalli dejjem aktar lil Alla jidħol f'ħajtu, l-attenzjoni u l-imħabba lejn ħaddieħor  huwa riżiltat ta' dan id-dawl li jdawwal ir-realta' kollha.
Hekk tassew inkunu qegħdin ngħixu ġa minn issa s-Saltna t'Alla.

Aħna u nixxenqu għal fidi aktar sħiħa, ejjew inressqu t-talb tagħna ta' gratitudni lil Alla. Wara kull talba ngħidu flimkien,. R./.

- Għal dak kollu li aħna, għall-esperjenzi kollha li għaddejtna minnhom u l-persuni li kollhom xi influenza fuqna, **Lilek irroddu ħajr, Mulej.**

- Għall-mod kif tkellimna permezz tal-Kelma tiegħek, permezz tal-Knisja immexxijja mill-Papa, u tant saċerdoti, reliġjużi u katekisti li jwasslu l-verita' fuqek, **Lilek irroddu ħajr, Mulej.**

- Għall-mod kif ridt tkun magħna fil-Knisja tiegħek, fis-Sagramenti, għall-preżenza tiegħek fil-komunita' u f'dawk kollha li huma foqra, dgħajjfa, b'xi mod emarġinati fis-soċjeta', u b'hekk m'humiex aktar tamin jiskartahom imma li npoġġuhom fiċ-ċentru ta'ħajjitna, **Lilek irroddu ħajr, Mulej.**

Kull min jixtieq issa jista' jressaq talb ta' gratitudni fuq livell personali….

(Mument ta' skiet)

Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa. 12, 49-53

**F'dak iż-żmien: Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Nar ġejt inqabbad fuq l-art u kemm nixtiequ li ġa qabad!  Hemm magħmudija li biha għandi nitgħammed, u x'diqa għandi sa ma dan**

**iseħħ!  Taħsbu intom li jien ġejt biex nagħti l-paċi fid-dinja?  Le, ngħidilkom, imma l-firda; għax mil-lum 'il quddiem ħamsa min-nies f'dar waħda jkunu mifruda bejniethom, tlieta kontra tnejn u tnejn kontra tlieta: jinfirdu, missier kontra ibnu u iben kontra missieru, omm kontra bintha u bint kontra ommha, omm ir-raġel kontra mart binha u mart l-iben kontra omm żewġha.**

Ix-xewqa ta' Ġesu' hi li jqabbad in-nar tal-fidi fil-qalb ta' kull wieħed minna. M'hijiex xi ħaġa romantika din. Huwa nar li jaħraq kullma hu żejjed, li jsaffi kullfejn l-iskop m'huwiex awtentiku u jew fejn l-iskop hu li nagħmlu lilna nfusna fiċ-ċentru ta' ħajjitna.

Din lil Ġesu' se nħallihielu biss bħala xewqa jew se nimpenja ruħi tassew biex lil Ġesu' inħallih ikebbes f'qalbi n-nar tal-fidi?

(Mument ta' skiet)

Inħejju ruħna sabiex nirċievu l-Barka Sagramentali.

Innu ta' qabel il-Barka